# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# SUPERJURI

## MAGISTRAT
## DR Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

## Seduta tal-lum 8 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 138/1999

Maltacom p.l.c.

-vs-

Frank Borg

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Ottubru 1999 fejn ippremettiet illi s-socjeta' attrici, l-Maltacom plc, fuq talba tal-konvenut Frank Borg, kienet installat servizz telefoniku bin-numru 559693 fil-fond Flat 1, The Garden, Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex u dana skond ma' kif jirrizulta mill-anness dokument A u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-service agreement ezistenti bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess service agreement il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien jigu stabbilit mis-socjeta' attrici;

Illi l-konvenut Frank Borg jinsab debitur tas-socjeta' attrici Maltacom plc fis-somma ta' elf mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1124.50) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazzjoni u servizz tal-linja tat-telefon u dan skond kif jirrizulta mill-anness statement immarkat bhala dokument B;

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Lulju 1999 il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi l-imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'igib kontra d-domanda ta' l-istanti;

Jghid ghalhekk l-konvenut ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talbiet attrici bid-dispensa mis-smiegh kif mahsub fl-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili a tenur tad-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1124.50) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazzjoni u servizz tal-linji tat-telefon u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness statement immarkat bhala dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 1999 u l-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici guramentata minn Saviour Farrugia li jinsab anness ma' l-atti ta' din il-kawza u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenut b'din ic-citazzjoni.

Rat li l-konvenut kien debitament deher fl-ewwel udjenza ta' din il-kawza fil-21 ta' Ottubru 1999 fejn kien gie ammess li jaghmel l-eccezzjonijiet tieghu entro z-zmien legali.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Borg li eccepixxa:

1. illi huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici stante illi meta huwa biegh il-flat de quo, f'Awissu 1998, huwa kien qata' s-servizz u dakinhar kien hallas l-ammont dovut kollu skond ir-ricevuta rilaxxjata minn Maltacom plc innifisha; kopja ta' ricevuta qeghdha tigi hawn annessa u markata dokument C;

2. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fat;

Rat id-dikjarazzjoni annessa minnu stess guramentata, l-lista tax-xhieda u d-dokument C.

Rat il-verbal taghha tal-15 ta' Frar 2001;

Ikkunsidrat:

Illi b'nota tal-15 ta' Frar 2001 is-socjeta' attrici rriduciet l-ammont dovut mill-konvenut bhala sorte ghall-ammont ta' tmien mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm898.50) salv imghaxijiet mit-28 ta' Marzu 1998 sad-data tal-hlas effettiv;

Illi dan l-ammont jinsab pjenament dovut. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda prodotta mis-socjeta’ attrici u kemm mid-dokumenti esebiti minnha.

Ghalhekk, qeghdha tilqa’ t-talbiet attrici limitatament pero’ ghall-ammont ta’ tmien mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm898.50) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici dan l-ammont oltre l-imghax mit-28 ta’ Marzu 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Lulju 1999.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur